MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2531/2003

**Albert Azzopardi (I.D 0192779(M))**

**Vs**

**Clint Vella (I.D 0374779(M))**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-attur talab li l-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) sussegwentement ridotta ghal tlett mija u sbatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm317.17c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura tieghu HAS 185 b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-Triq Casolani, l-Hamrun, meta l-konvenut hareg minn Cikku Bonaci Street waqt li kien qed isuq il-vettura HAL 123.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha eccepixxa illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda billi l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tal-konvenut imma b'tort ta' l-attur.

Sema' x-xhieda ta' PS 1043 Frank Pace, Albert Azzopardi, Clint Vella, Daniela Vella u Josette Pace.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Karl Briffa ghall-attur u Dr Stefan Mifsud ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur kien qed isuq il-vettura HAS 185 fit-Triq Casolani, l-Hamrun. Fit-triq kien hemm vettura pparkjata fix-xellug tieghu u ghalhekk kellu johrog ftit 'il barra u gie ezatt magenb il-vann li kien ipparkjat. Kwazi faccata tal-vann hemm *side street* u harget il-karozza misjuqa mill-konvenut minn dina s-*side street* u b'hekk sehhet il-kollizjoni. L-attur jallega illi l-konvenut lanqas biss induna bil-vettura tieghu u li hu kien induna bil-vettura tal-konvenut *fraction of a second* qabel l-incident. Wara l-incident il-vetturi baqghu fejn kienu sakemm gie l-pulizija izda l-vettura li kienet fix-xellug tieghu lahqet telqet. L-attur isostni illi anki l-konvenut kien ikkonferma mieghu wara l-incident li ma kienx induna bil-vettura ta' l-attur ghax kien qed ihares lejn in-naha l-ohra tat-triq.

Il-konvenut xehed li huwa kien hiereg minn Cikku Bonaci Street u waqaf qabel ma gie fuq it-triq l-ohra, hares lejn ix-xellug biex jara kienx hemm karozzi gejjin u anki hares lejn il-lemin biex jara hemmx karozzi gejjin ukoll. Meta deherlu li ma kienx hemm karozzi, huwa hareg lejn ix-xellug u kif hareg ra vann kbir Toyota (cjoe' l-vettura ta' l-attur) ma' wiccu u habtu. Huwa jghid li bid-daqqa l-karozza tieghu giet imkaxkra lura. Il-konvenut jallega illi l-attur kien qed isuq hafna w anzi jzid jghid illi qabel il-habta l-karozza tieghu kienet giet fid-dritt, jigifieri kien gja' ddritta. Huwa jsostni illi kien hemm karozzi pparkjati u jrid jghid li kien kwazi qabez l-ewwel karozza pparkjata lejn in-naha tax-xellug tieghu. Huwa jikkonferma illi max-xellug tal-vann, jigifieri n-naha l-ohra tat-triq, kien hemm karozza pparkjata wkoll u kienet ipparkjata bil-*hazard lights* li kienu mixghulin ghax kienu qed ihottu x-xoghol. Il-habta saret f'salt. Huwa kkonferma wkoll illi qabel l-incident l-attur

kien rah u pprova jiskapolah billi gibed ‘il gewwa izda l-kollizjoni xorta sehhet.

Daniela Vella kienet riekba mal-konvenut u kkonfermat li huma kienu hargu minn Cikku Bonaci Street u kienu gja’ ddrittaw meta sabu l-vann ma’ wicchom. Il-hsara fil-karozza taghhom kienet fin-nofs fuq quddiem u kkonfermat illi fiz-zewg nahat tat-triq kien hemm vetturi pparkjati. Mistoqsiha mbaghad biex tghid jekk kienux lahqu l-karozzi pparkjati fin-naha tax-xellug taghhom hija ma qablitx ma’ dak li xehed zewgha billi qalet li huma kienu kwazi ser jaslu maghhom pero’ ma kienux magenb il-karozzi pparkjati – pero’ kkonfermat illi bir-rizultat tal-kollizjoni gew imkaxkrin lura.

Xehdet ukoll Josette Pace li qalet li kienet is-sid tal-vettura li kienet ipparkjata max-xellug tal-vann ta’ l-attur. Hija qalet illi kif il-vann ta’ l-attur qabez il-vettura taghha, sab il-vettura misjuqa mill-konvenut wicc imb’wicc pero’ tal-konvenut kienet in-naha tax-xellug tat-triq mentri s-sewwieq tal-vann hareg fin-nofs tat-triq ghax qabez il-karozza pparkjata taghha.
Illi f’cirkostanzi simili huwa tajjeb li jigi ribadit illi din hija kollizjoni f’T-Junction meta l-attur kien qieghed isuq fil-parti d-dritta tat-T u ghalhekk il-konvenut kien ser johrog mis-*side street* ghal fuq il-parti d-dritta tat-T u ghalhekk kellu obbligu illi jieqaf fl-inkrocju, jesplora sew it-triq miz-zewg nahat u jaccerta ruhu li jista’ johrog ghal fuq it-triq minghajr ma jostakola l-ebda traffiku u inoltre, wara li jaccerta li jista’ jaghmel hekk, ghandu jespleta l-manuvra tieghu bl-iktar mod efficjenti.

Mill-provi prodotti t-Tribunal m’ghandux ezitazzjoni milli jghid illi ghalkemm il-konvenut ma kienx qed isuq b’mod veloci u ghalkemm jista’ jkun li huwa waqaf qabel ma hareg ghal fuq Triq Casolani minfejn kien gej l-attur, ma jirrizultax li kien qed izomm *a proper lookout* u ma jirrizultax li huwa esplora t-triq sew. Jista’ jkun li huwa hares lejn il-lemin tieghu izda zgur m’esplorax it-triq min-naha tax-xellug tieghu ghax kieku ghamel hekk kien jinduna li kien gej vann. Vann m’hijiex vettura li ma tindunax biha - hija vettura ferm evidenti u ghalhekk qabel

ma hareg fuq Triq Casolani kellu obbligu li jaccerta li jista' jaghmel hekk minghajr ma johloq xkiel. Huwa kien ben konsapevoli li kien hemm karozza pparkjata max-xellug tieghu u ghalhekk daqs kemm hu kellu l-vizwali tieghu ridotta, daqstant iehor it-traffiku li gej minn Triq Casolani kellu l-vizwali tieghu wkoll ridott u ghalhekk kellu jahseb ghal dina l-eventwalita'.

Ghar-rigward tas-sewqan da parti ta' l-attur, it-Tribunal ma jsibx li hemm xi fattur li jimmilita kontra tieghu. M'hemmx provi li kien qed isuq bi speed eccessiv jew b'xi mod imprudenti. Huwa kien qed isuq b'mod normali, kien hemm karozza pparkjata llegalment man-naha tax-xellug tieghu u b'rizultat t'hekk huwa bil-fors kellu johrog *on the crown of the road*. F'dak il-mument ma kienx hemm evidenza ta' traffiku iehor gej mid-direzzjoni opposta tieghu u kien proprju kif qabez dina l-karozza li harget ghal fuqu l-vettura misjuqa mill-konvenut.

Ma jirrizultax li l-vettura tal-konvenut kienet gja' harget fuq Triq Casolani u li kienet iddrittat. Mill-isketch esebit jidher illi din il-vettura kienet ghadha qieghda ddur u ma kienetx qieghda fid-dritt.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal m'ghandux ezitazzjoni billi jikkonkludi illi l-konvenut ghandu jahti unikament ghall-incident in kwistjoni.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni, mid-dokumenti esebiti dawn jinsabu debitament ikkorroborati ghall-ammont ridott ta' tlett mija u sbatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm317.17c) u konsegwentement dina tinsab debitament pruvata.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa' t-talba ta' l-attur u jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet unikament b'tort tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u sbatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm317.17c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------